*verità forsi mingħajr ma kien jaf, bħalma fost il-qaddisin Sawlu ħaġġar qaddis ieħor mingħajr ma kien jaf x'inhu jagħmel.*

*Il-psikoloġija tal-bniedem hi aktar imħawda mill-baħar fil-maltemp, u hi mħawda mid-demm marid, mill-wirt ta' familja mhux normali kif ma kenitx normali l-familja ta' ommu. Biss fl-* Illuminations *tinħass qawwija l-għajta għall-Idijal li Rimbaud ma sabx għax ma għarafx ifittex fejn seta' jsibu. Imma mhix ħaġa tassew stramba, jew aħjar, xhieda ta' l-eżistenza ta' dan l-Idijal, li l-poeta Franċiż, Paul Claudel ,sar Kattoliku wara li kien qara l-poeżija tat-tifel ġenju ta' Charleville?*

*　　　*　　　*

## L-AWRORA*

L-Avrora tas-sajf jien għannaqt miegħi.

Xejn ma kien hemm jiċċaqlaq quddiem il-palazz. L-ilmijiet mejta. Il-qtajja' tad-dellijiet ma kenux twarrbu mit-triq tal-masġar. Inxejt u qajjimt l-irjieħ ħajja u fietla u ħares il-ġawhar u ntrefgħu l-ġwienaħ mingħajr ħoss.

U l-ewwel ġrajja fis-sqaq li kien diġà mimli bl-idwal ġodda u mxfara, kienet warda li qaltli isimha.

Jien dħakt liċ-ċarċara li għaddiet imħabbla qalb is-siġar taż-żnuber: fuq il-quċċata tal-fidda jiena għaraft il-mara alla.

Imbagħad neħħejt wieħed wieħed l-istar. Fil-mogħdija waqt li tagħadt inxejjer idejja. Fil-wita fejn jien ħabbart is-serdul. Fil-belt il-kbira hija ħarbet qalb l-arloġġi u l-koppli u jiena bħal tallab fuq moll tar-rħam ġrejt warajha biex naqbadha. Fil-għoli tat-triq qrib bosk tar-rand dawwartha bl-istarijiet tagħha mġbura, u ħassejt xi ftit il-ġisem kbir tagħha. L-awrora u t-tifel waqgħu ġo qiegħ il-bosk.

Xħin qomt sibt li kien nofs in-nhar.

## REGALITA'

Għodwa waħda sabiħa, fost poplu qawwi u helu, raġel u mara kburin bdew jgħajtu fil-misraħ "Ja ħbieb tiegħi, jien irrid hi tkun sultana!" "Jiena rrid inkun sultana!" U hi kienet tid-

---

* Dil-poeżija u l-oħrajn ta' warajha fi proża ritmika hi maqluba mill-oriġinal ta' A. Rimbaud.